VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,920, 7 ta' Settembru, 2022*
*Taqsima B*

**A.L. 222 tal-2022**

## ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

### Regolamenti tal-2022 dwar l-Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriża ta' Malta, wara konsultazzjoni mal-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru tal-Finanżi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 dwar l-Investiment.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2022.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw fir-rigward ta' investment inizjali eliġibbli favur it-twettiq ta' attività ekonomika kwalifikanti.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap 463.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"bidu ta' xogħlijiet" tfisser jew il-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibli, liema minnhom iseħħ l-ewwel. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji bħal kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' fattibilità mhumiex meqjusa bħala "bidu ta' xogħlijiet". Fir-rigward tal-akkwisti, "bidu ta' xogħlijiet" tfisser il-mument tal-akkwist tal-assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

"intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont gross tal-għajnuna espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju (SME)" jew "(SMEs)" tfisser intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju jew SMEs kif definiti

VERŻJONI ELETTRONIKA



fl-Anness I tal-Regolament tal-Kummissjoni (UE) No 651/ 2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa skont l-Att;

"linji gwida" tfisser il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"rilokazzjoni" tfisser trasferiment tal-istess attività jew attività simili jew parti minnha minn stabbiliment f'waħda mill-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ZEE (stabbiliment iniżjali) għall-istabbiliment li fih isir l-investiment mgħejjun f'parti kontraenti oħra għall-Ftehim dwar iż-ŻEE (stabbiliment mgħejjun). It-trasferiment iseħħ jekk il-prodott jew servizz fl-istabbilimenti iniżjali u dawk mgħejjuna, iservi mill-inqas parzjalment l-istess skopijiet u jissodisfa t-talbiet jew il-bżonnijiet tal-istess tip tal-klijenti, u l-impjiegi jintilfu fl-istess attività jew attività simili f'waħda mill-istabbilimenti inizjali tal-impriża fiż-ŻEE.

Proġetti eliġibbli.

**3.** (1) Il-proġett ta' investiment inizjali għandu jigi kunsidrat għal għajnuna jekk l-investiment jirriżulta fit-twaqqif, l-espansjoni, id-diversifikazzjoni jew f'bidla fundamentali fit-twettiq ta' attività ekonomika kwalifikanti.

(2) (a) Għotjiet ta' flus, garanziji ta' self u sussidji fir-rata tal-imgħax jistgħu jingħataw biss lil proġetti eliġibbli li għalihom l-applikazzjoni ġiet sottomessa u approvata qabel il-bidu tax-xogħolijiet u matul il-perjodu ta' validità tal-iskema.

(b) Proġetti b' bidu ta' xogħlijiet wara l-1 ta' Mejju 2022 iżda qabel l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni jistgħu jingħataw għajnuna biss fil-forma ta' kreditu ta' taxxa.

(3) Proġetti ta' investiment eliġibbli jistgħu biss jingħataw l-għajnuna fir-rigward ta' proġetti li jibdew fl-1 ta' Mejju 2022 jew wara, iżda fl-ebda każ aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026 jew sussegwentament, jekk id-dewmien fil-bidu ta' xogħlijiet kien minħabba fatturi barra mil-kontroll tal-impriża kif għandu jiġi determinat mill-Korporazzjoni, sakemm l-impriża tissottometti l-applikazzjoni għall-għajnuna qabel kwalunkwe skadenza stabbilita fil-linji gwida u l-għajnuna għal tali proġetti tiġi approvata mill-Korporazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2023.

(4) Wara li jitlesta l-proġett ta' investment, l-istess investiment

VERŻJONI ELETTRONIKA



u l-attività ekonomika kwalifikanti għandhom jinżammu f'Malta għal perjodu minimu ta' mill-inqas ħames (5) snin jew tliet (3) snin fil-każ fejn l-impriża hija SME.

(5) L-impriża li biħsiebha tagħmel użu mill-benefiċċji ta' dawn ir-regolamenti għandha tipprovvdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ispejjez eligibbli, permezz tar-riżorsi tagħha stess jew permezz ta' finanzjament estern f'forma li hija ħielsa minn kull appoġġ pubbliku.

(6) L-impriża għandha tikkonferma li ma wettqitx rilokazzjoni fl-istabbiliment li fih għandu jseħħ l-investiment inizjali li għalih intalbet l-għajnuna, fis-sentejn (2) ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u għandha wkoll tikkommetti ruħha li mhux se twettaq rilokazzjoni sa perjodu ta' sentejn (2) wara li jitlesta l-investiment iniżjali li għalih tintalab l-għajnuna.

Attivitajiet kwalifikanti.

**4.** Attività kwalifikanti skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti għandha tfisser attività ekonomika li tikkonsisti f'kummerċ jew negozju li l-profitti jew qligħ minnhom għandhom jiġu intaxxati skont l-artikolu 4(1)(a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, imwettqa jew maħsuba biex titwettaq minn impriża f'Malta li tikkonsisti biss f'attività kwalifikanti waħda jew aktar, kif jista' jkun preskritt fil-linji gwida.

Kap 123.

Tip ta' għajnuna.

**5.** (1) Impriża li twettaq jew li biħsiebha twettaq attività kwalifikanti li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, għandha tkun mgħejjuna permezz ta' waħda mis-segwenti jew il-konkorrenza tagħhom:

(a) kreditu ta' taxxa (li jista' jintalab fir-rigward ta' kontijiet futuri ta' taxxa);

(b) għotja ta' flus;

(ċ) sussidju fuq ir-rati tal-imgħax jew garanzija fuq is-self biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tan-nefqa kwalifikanti soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet tal-linji gwida.

Intensità tal-għajnuna.

**6.** L-intensità tal-għajnuna ma tistax teċċedi il-perċentwal stabbilit fil-linji gwida. Il-valur tal-għajnuna mogħti għandu jiġi kkalkulat bħala perċentwal ta':

(a) in-nefqa eliġibbli kwalifikanti kif stabbilita fil-linji gwida magħmula minn impriża fir-rigward ta' proġetti eliġibbli għat-twettiq ta' attività kwalifikanti; jew

(b) spejjeż tal-pagi għal impjieġi maħluqa direttament

VERŻJONI ELETTRONIKA



bħala riżultat tal-proġett eliġibbli kif għandhom jiġu speċifikati aktar fil-linji gwida.

Użu ta' kreditu ta' taxxa.

**7.** Kwalunkwe kreditu ta' taxxa mogħti jista' jintuża biss mill-impriża sakemm l-attività kwalifikanti mgħejjuna tkun għadha qiegħda titwettaq fl-istabbiliment. L-impriża għandha tagħti l-kunsens tagħha fid-dikjarazzjoni tat-taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi biex tinħareġ id-dejta dwar il-kreditu tat-taxxa mill-Korporazzjoni. Il-Korporazzjoni għandha ta' kull sena tipprovvdi lill-impriża b'dikjarazzjoni ta' kwalunkwe bilanċ ta' kreditu ta' taxxa sakemm jintuża il-kreditu ta' taxxa kollu allokat.

Skadenża għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

**8.** L-applikazzjonijiet għal għajnuna biex jiġu mgħejjuna impriżi eliġibbli taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023:

Iżda ma għandha tingħata l-ebda għajnuna skont dawn ir-regolamenti mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Dicembru, 2023.